**Minuti tat-Tmintax-il (18) Laqgħa tas-Sitt (06) Kunsill tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 15 ta' Ġunju 2009 fis-06.00 ta' filgħaxija.**

Data u ħin

** ***Preżenti għal-Laqgħa***:

Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sna Graziella Galea | Sindku |
| Is-Sur Peter Abela | Kunsillier |
| Is-Sur Alexander Bezzina | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Camilleri | Kunsillier |
| Is-Sur Ray Bartolo | Kunsillier |
| Is-Sur Jason Camilleri | Kunsillier |
| Is-Sur Alfred Grima | Kunsilier |
| Is-Sur Frank Gauci | Kunsillier |
| Is-Sur Raymond Tabone | Kunsillier |
| Is-Sur Martin Zerafa | Kunsillier |

Skużati

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Bray | Viċi-Sindku |

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Ħmistax (15) -il Laqgħa tal-Kunsill**

Qari u Approvazzjoni tal-Minuti 15

Il-Minuti tas-Sbatax (17)-il Laqgħa tas-Sitt Kunsill li ġew imqassma qabel il-laqgħa ġew meħudha bħala moqrija.

Wara li saru l-korrezzjonijiet meħtieġa, il-Minuti tas-Sbatax (17)-il Laqgħa ġew approvati u ffirmati.

**2.00 Punti Mqajma (Laqgħa 15)**

2.01 Id-Direttur tal-Artijiet informa lill-Kunsill li l-Birdlife għandhom titlu tal-masġar taż-żebbuġ ta' quddiem ir-Riżerva Simar.

Simar

2.02 Il-Kunsill approva l-prezz propost mill-Heritage Malta ta' €25 kull siegħa għal żewġ kuraturi u *security* għal massimu ta' erba' siegħat sabiex San Pawl Milqi jinfetaħ għar-residenti. Il-Kunsill għandu jagħmel avviż fil-parroċċi tal-lokal u fil-gazzetta. Il-Kunsilliera Frank Gauci u Alex Bezzina għandhom jikkordinaw l-attivita. Min mhux resident se jkun mitlub iħallas rata normali.

San Pawl Milqi

2.03 Is-Segretarji Eżekuttivi komplew jaħdmu fuq l-ispeżifikazzjonijiet il-ġodda ta' l-offerta. Illum kien hemm laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Chris Said fejn wiegħed li se jagħmel laqgħa kemm mas-Sindki kif ukoll mas-Segretarji Eżekuttivi sabiex jiċċaraw xi affarijiet fosthom id-diffikulta dwar kif se jippublikaw l-offerta fil-Ġurnal tal-Ewropa biex din l-offerta tinħareġ fejn hi meħtieġa.

Kuntratt Ġbir ta' Skart

2.04 L-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta nfurmat lill-Kunsill li ġew allokati fondi biex ikomplu x-xogħol u l-perit inkarigat mid-direttorat tal-immaniġjar tat-traffiku qal li se jagħmlu madwar tnax mill-għoxrin pelican lights li hawn approvati madwar Malta u din il-waħda partikolari se tkun waħda minnhom. Il-Kunsillier Mario Camilleri talab li jingħata data definittiva meta se ssi għax suppost li hemm struzzjonijet ċari dwar meta se ssir.

Pelican Lights ħdejn Sammy's Bar

| | | |
|---|---|---|
| 2.05 | Dan is-suġġett ġie diskuss waqt il-laqgħa tax-xahar li saret mal-ispettur tal-għassa tal-lokal fejn il-pulizija ghandha tagħmel aktar sorveljanza. | Fuego |
| 2.06 | Il-funtani tal-lokal jinsabu fil-bandli Tal-Veċċ, fiz-zuntier ta' Burmarrad u fil-bandli ta' Burmarrad. Il-Kunsillier Ray Bartolo qal li jekk insibu tlett lokalitajiet barranin li jridu jissieħbu fi proġett, nistgħu napplikaw fil-programm ENPI li se joħroġ dalwaqt. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Ray Bartolo jmexxi biex isib partners u jinkludi lill-Muniċipju ta' Agios Pavlos li miegħu l-Kunsill għandu ftehim ta' koperazzjoni. | Għajn Rażul |
| 2.07 | Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li dan l-aħħar l-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta (ADT) neħħiet parkeġġi riżervati li kienu saru fi żmien it-Traffic Control Board (TCB) li kien jopera qabel ma' twaqqfet l-Awtorita. | Parkeġġ Riżervat |
| 2.08 | Il-Korrispondenza li ngħata mhix korretta. Il-Kunsillier Alfred Grima talab il-korrispondenza tat-talba tal-u-bends tal-Venus u tat-Tattoo. | Venus Bar |
| 2.09 | Il-kuntrattur tal-latrini talab li d-default maħruġ mill-Kunsill jiġi rtirat għax meta saret l-ispezzjoni ma kienx preżenti. Il-Kunsillier Alfred Grima qal li r-rapport li għamel hu ġie nfurzat aktar abbażi li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali bagħat ukoll rapport negattiv dwar l-istess latrini. Il-Kunsillier Peter Abela qal li ma tistax issir spezzjoni u ma jkunx hemm preżenti l-kuntrattur involut. Ġie deċiż li gĦandu jittieħed parir legali. | Skema Aċċessibilita |
| 2.10 | Iż-żewġ applikazzjonijiet ġew sottomessi. Jekk jiġi approvat ikun hemm bżonn ta' ċertifikat mingħand l-awditur li jiswa madwar €500 dwar sabiex jikkonferma li l-Kunsill jilħaq dan il-commitment mill-fondi tiegħu. | MEUSAC |
| 2.11 | Saret laqgħa fuq il-post fejn tal-Assoċjazzjoni tat-Trasport Pubbliku qablet li l-karozzi tal-linja ma jgħaddux miż-żona pedonali. Il-pjanta proposta ntbagħtet lill-ADT. | Żona Pedonali |
| 2.12 | L-ADT ġabret l-istima tax-xogħol, liema xogħol se jinbeda dalwaqt mill-istess Awtorita. | Ħsara lill-bankina fi Triq in-Nawġiera |
| 2.13 | Il-Kunsillier Peter Abela staqsa jekk l-ordni tax-xogħol inħarġitx. Il-Kunsillier Alfred Grima ġibed l-attenzjoni li mill-minuti m'hemmx indikata approvazzjoni. Ġie kkonfermat li l-ordni tax-xogħol għadha ma ħarġitx. | Tranġar ta' Bankina fi Triq ix-Xitwa |
| 2.14 | Il-Kunsillier Mario Camilleri staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-proposta tal-Kunsill lill-Awtorita. Peress li l-Kunsill ma kellu l-ebda risposta ġie deċiż li tintbagħat reminder, b'kopja lill-istess kunsillier. | Parkeġġi Illegali fix-Xemxija |
| 2.15 | Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li qabel jiġu approvati, hemm bżonn li jsir studju biex naraw kemm jeżistu estensjonijiet. Issekonda dil-proposta l-Kunsillier Alfred Grima. Il-Kunsill qabel li tiġi ppreparat lista u sadanittant ninfurmaw lill-MEPA li se jsir studju. | Talba għal permessi ta' Imwejjed u Siġġijiet |
| 2.16 | Inġabret kwotazzjoni oħra li ammontat għal €680 bla VAT. Intgħażlet l-orħos waħda hekk kif miftiehem u x-xogħol inbeda. | Stimi ta' Lampi |
| 2.17 | Is-Central Insurance Brokers infurmaw lill-Kunsill li lesti li jinxurjaw lill-Kunsill skond l-istima hawn annessa. Ġie deċiż li tinġabar stima mingħand l-Allcare. | Assikurazzjoni |
| 2.18 | Il-Kunsill qabel li jagħti kisja żebgħa tat-*tennis courts* fejn saret ħsara madwar il-pixxina tas-Sirens waqt li kien qed isir id-dranaġġ tal-latrina ta' Triq San Geraldu liema xogħol sar mill-Kunsill. Il-Kunsill ġie nfurmat mill-Kumitat tas-Sirens li s-saqajn tal-*fencing* saru fuq ġewwa u mxew mal-linja tal-MEPA. | Sirens ASA |
| 2.19 | Il-laqgħa se ssir nhar l-Erbgħa. | Klabb Qawra Wrestling |
| 2.20 | Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Grupp STAND mhux fl-iskeda ta' l-Att tal-Kunsilli Lokali u għaldaqstant jista' jingħata biss €116. Ġie deċiż li nitolbu li jiġi nkluż fl-iskeda. | STAND |

| | | |
|---|---|---|
| 2.21 | Inġibdet l-attenzjoni li għandha titnaddaf il-funtana ta' Burmarrad qabel il-festa kif ukoll jiġu mħawla fjuri fis-*soft area* taz-zuntier. | Manutenzjoni Burmarrad |
| 2.22 | Il-proposta tal-Kunsill ma ġietx aċċettata u ressqu oħra biex jarmaw fejn il-Bajja ta' Sant'Injazju. Ġie deċiż li niċċekkjaw il-legalita. | GO |
| 2.23 | Id-deċiżjoni tal-Kunsill ġiet mgħoddija lill-Avukat sabiex iħejji l-kuntratt | Ċentru ta' Matul il-Jum |
| 2.24 | L-organiżżaturi talbu li l-attivita tiġi posposta għall-25-26 ta' Lulju 2009. Il-Kunsill approva. | LIFT |
| 2.25 | Għandu jsir follow-up għat-talba mill-Kunsill sabiex l-ELC jippreżentaw rapport ta' ħidma tax-xogħolijiet li qed isiru fil-lokal. Hemm bzonn li jinżabar il-palm, inkluż dik ta' ħdejn is-Simenta u Paul's Video. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kellmet lill-General Manager tal-Consortium u qalilha li bħala proċedura dawn flimkien ma' dawk ta' Marsaskala u Tas-Sliema jinġabru lejn l-aħħar ta' Ġunju biex il-friegħi jintużaw mis-sajjieda. | ELC |
| 2.26 | L-ewwel kont tal-perit ikun jinkludi l-ħlas tal-istima mħejjija wara li ssir żjara fuq il-lant tax-xogħol. Jekk wara jsir ix-xogħol, dan l-ammont jitnaqqas mill-persentaġġ dovut lill-perit. | Skeda ta' ħlasijet Kont Nru 89 |
| 2.27 | L-oġġezzjoni ġiet sottomessa. | Proposta għal Yacht Marina f'San Pawl il-Baħar |
| 2.28 | Is-Sindku attendiet għal-laqgħa fejn saret l-għażla. Is-Sur Niki Farrugia kien diġa ħa dan il-ġieħ. Il-persuna magħżula għal din is-sena huwa s-Sur Frans Scerri. Il-Kunsillier Frank Gauci ppropona li tintbagħtlu ittra ta' awguri mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel. | Ġieħ San Pawl |
| 2.29 | Ġie deċiż li l-Kunsill jitlob linja gwida bil-miktub mingħand l-ispettur tal-lokal dwar l-ipparkjar tat-trailers tad-dgħajjes ta' Triq il-Pwales. Sadanittant l-isticker ta' żgombru twaħħal fuq dawn it-trailers. | Pwales |
| 2.30 | Waqt laqgħa mal-Enemalta s-Sindku ġiet infurmata li d-dawl ta' ħdejn is-Santana mhux se jitħallas iżjed mill-gvern ċentrali. Ġie deċiż li ninfurmaw lill-Korporazzjoni b'kopja lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li din l-art mhix tal-Kunsill. | Dawl ta' ħdejn is-Santana |
| 2.31 | Il-Kunsill talab risposta mingħand l-ADT dwar il-pelican lights quddiem il-Luzzu Restaurant. | Pelican Light quddiem il-Luzzu |
| 2.32 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li meta l-ħaddiema ġew infurmati sabiex jidħlu jaħdmu nhar ta' Sibt, avviċinaw lill-Union Ħaddiema Magħqudin (UHM) fejn tagħthom parir li mhumiex obbligati li jidħlu jaħdmu s-Sibt. Huma qed joġġezzjonaw li jaħdmu nhar ta' Sibt minkejja li kienu avżati li se jitħallsu *overtime.* Ġie mfakkar li waqt l-intervista li saritilhom, ġew mistoqsija jekk isibux oġġezzjoni li jidħlu xogħol meta meħtieġ nhar ta' Sibt. Ħadd minn dawn l-iskrivani ma kien oġġezzjona. Il-Kunsill reġa qabel li żewġ skrivani għandhom jidħlu nhar ta' Sibt u jitħallsu overtime jew *time-off in lieu*. Sadanittant id-Dipartiment tal-Gvern Lokali bagħat ir-risposta hawn mehmuża. Fid-dawl ta' dan, is-Segretarju Eżekuttiv ħadet parir mingħand l-avukat tal-Kunsill fejn taha parir li ssir laqgħa mar-rappreżentant tal-UHM sabiex jiġi ċċarat dan is-suġġett. Il-Kunsill qabel. | Ħinijiet tal-Uffiċċju |
| 2.33 | Ir-rendikont ta' ħlas qiegħed jinħadem. | U-Bends |
| 2.34 | L-ADT għadha ma bagħtitx risposta dwar meta se ssir il-bankina ta' Triq Burmarrad.<br>ġie deċiż li tintbagħat reminder. | Reminder lill-ADT |
| 2.35 | Iż-żjara ġiet ikkanċellata peress li madwar tletin biss kienu nteressati. Fondi għal din iż-żjara ma ngħatawx peress li kienu diġa ngħataw matul din is-sena meta l-Griegi żaru Malta fi Frar. Is-Sindku ssuġġeriet li din iż-żjara tiġi posposta għas-sena d-dieħla u | Żjara |

nerġgħu napplikaw għall-fondi.

2.36 Issa li ngħataw €1 200 taħt l-iskema ta' enerġija. Is-Sindku pproponiet li għandha toħroġ l-offerta sabiex isir il-proġett stmat li jqum madwar €9 200 għal Triq Jean de La Cassiere isir. Il-Kunsill għandu jiffinanzja d-differenza. Il-Kunsill qabel. — Skemi

2.37 Inġibdet l-attenzjoni li waqt li kien għaddej ix-xogħol ta' traqqiegħ mill-ADT fi Triq San Pawl, intlaqtu xi kurduni: dawn għandhom jissewwew mill-Awtorita. — Xogħol Infrastrutturali

* Il-Kunsillier Jason Camilleri skuża ruħhu u rtira mill-kamra filwaqt li l-Kunsillier Raymond Tabone daħal fil-kamra.

3.00 **Korrispondenza u Komunikazzjonijiet**

3.01 **Ref: 55/3131/09/I:** Ma ntlaqgħetx it-talba ta' sid il-ħanut Jonstore sabiex bejn is-Sqaq u l-ħanut tiegħu fi Triq San Pawl isir parkeġġ ristrett ta' għoxrin minuta. — Parkeġġ ristrett: Jonstor

3.02 **Ref: 55/4067/09/I:** Il-kuntrattur tal-latrini talab lill-Kunsill isewwi l-ħsara f'diversi latrini. Ġie deċiż li niċċekkjaw il-kundizzjonijiet tal-offerta. Inġibdet l-attenzjoni li dan intbagħat wara li l-kuntrattur irċeva r-rapport. — Ħsarat fil-latrini

3.03 **Ref: 55/2621/I**: Il-Kunsill ma laqax proposta sabiex jinxtara dispenser ta' l-ilma, iżda qabel li għandha tinbidel id-ditta jekk l-ilma mhux tajjeb. — Ilma tax-Xorb

3.04 **Ref: 55/3264/09/I:** Ir-rendikont ta' fondi mill-MEPA taħt l-iskema Environment Initiatives in Partnership Programme (EIPP) huwa ta' €123 172, Urban Improvement Fund huwa ta' €97 229.73 filwaqt li tal-Commuted Parking Pament Scheme (CPPS) huwa ta' €2 106 979. Għandu jsir eżerċizzju biex il-Kunsill jara kif jista' jutilizzahom. — Rendikont ta' Fondi EIPP, UIF, CPPS

3.05 **Ref: 55/3262/09/I**: Il-Kunsill ġie mitlub jidentifika persuni minn 15-il sena 'l fuq li jagħtu xi tip ta' għajnuna lil min hu fil-bżonn u/ jew juri b'mod konkret solidarjeta' ma' persuni bħal dawn. — Premju San Nikola minn Tolentino

3.06 **Ref: 55/3170/09/I**: Thalasselejn Bocci And Social Club irringrazzja lill-Kunsill talli vvota s-somma ta' €116 469 għall-proġett tal-bandli u klabb tal-boċċi taħtu. — Proġett Thalasselejn

3.07 **Ref: 55/3273/09/I**: Il-Kunsill approva li jirriklama fil-ktieb annwali tal-festa Marija Sultana Tal-Martri paġna sħiħa bil-kulur għall-prezz ta' €120. — Riklam fil-Ktieb tal-Festa

3.08 **Ref: 55/3277/09/I**: Il-Kunsill flimkien mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, u l-kunsilli tax-Xagħra u Ħaż-Żebbuġ applikaw għal proġett ta' fondi mill-Ewropa *The Connected Bus Platform Malta.* Il-Kunsillier Ray Bartolo qal li ma kienx infurmat dwar dan u li m'għandu jsir l-ebda ħlas lil xi persuna. — The Connected Bus Platform Malta

3.09 **Ref: 55/1831/09/I:**Filwaqt li approva attivita tal-Classic Sports Club Malta li se ssir nhar il-Ħadd 28 ta' Ġunju 2009 bejn l-10am u s-2pm fejn is-Santana Hotel, il-Kunsill ma laqax it-talba sabiex jiffinanzja l-gwardjani lokali għal din l-attivita. — Wirja mill-*Classic Sports Club Malta*

3.10 **Ref: 55/2246/09/I:** It-TCTC għamlet refurbishment liċ-Ċentru fejn isiru l-korsijet tal-kompjuters fejn installaw kompjuters ġodda u waħħlu airconditioner għall-użu tal-istudenti. — TCTC

3.11 **Ref: 55/3450/09/I:** Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill jissieħeb fil-Patt tas-Sindki li jiffoka primarjament fuq l-ambjent u użu tajjeb ta' enerġija. Il-Kunsill qabel. — Patt tas-Sindki

*(a) Il-Kunsillier Alfred Grima skuża ruħhu u rtira mill-kamra.

**4.00 Skedi ta' Dħul, Pagamenti u Ordnijiet ta' Xogħol**

(a) L-iskeda ta' dħul mit-2 ta' Mejju sa 30 ta' Mejju 2009 tammonta għal €16 993.42 — Rendikont ta' Dħul ta' Fondi

(b) L-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Mejju 2009 ammontat għal €41,161.54 — Rendikont ta' Pagamenti

Il-Kunsillier Frank Gauci ppropona li l-kont tal-attivita tal-karnival abbinat ma' xiri ta' trofej li jammmonta għal €350 jiġi miżjud mal-ħlasijiet. Il-Kunsill approva.

Ġie deċiż li nistaqsu lill-Viċi-Sinku jekk għadux jiċċekkja t-tbattil tal-iskips fi tmiem il-ġimgħa.

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li llum daħal il-kont pendenti tal-latrina tas-Sirens liema spiża tammonta għal €86 330.02.

Is-Sindku pproponiet sospensjoni tal-laqgħa sabiex il-perit jispjega l-kont. Il-laqgħa tkompliet.

Abbażi li skont il-perit tal-Kunsill, il-kuntrattur qed jitlob 5% addizzjonali biex ikopru l-*management fee* fuq il-valur tax-xogħol li normalment ikopru il-management fee li l-Kunsill is-soltu jiċċarġja. Ir-rati li ntużaw kienu dawk tas-suq u x-xogħol sar *in full compliance*. Għandha ssir laqgħa bejn il-Kunsill, il-perit, il-kuntrattur u l-avukat sabiex il-Kunsill jasal għal ruling legali.

Ma kienx hemm qbil u ttieħed vot dwar jekk il-5% addizzjonali għandix teżdied, dejjem jekk qegħda skond il-kuntratt, li ġie hekk:

Favur: Sindku Graziella Galea, il-Kunsilliera Peter Abela, Ray Bartolo, Frank Gauci u Mario Camilleri

Kontra: Ħadd

Astensjoni: Il-Kunsilliera Alex Bezzina u Raymond Tabone.

Il-proposta għaddiet.

L-Iskeda ġiet approvata hekk kif emendata.

(c) Il-Kunsill approva l-Ordnijiet ta' Xogħol hekk kif ippreżentata. — Lista ta' Ordnijiet ta' Xogħol

* Il-Kunsillier Alfred Grima skuża ruħhu u rtira mill-kamra.

**5.00 Mozzjoni Mressqa mis-Sindku Graziella Galea u ssekondata mill-Kunsillier Peter Abela bis-suġġett : Formolazzjoni ta' Sett ta' Bye-Laws li Jirregolaw l-Użu ta' Parkeġġ tal-Blue Waters, Triq Ġulju, San Pawl il-Baħar**

Is-Sindku ressqet il-mozzjoni hawn annessa għad-diskussjoni u approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Peter Abela ppropona li fl-offerta għandha tiżdied il-klawsola "Right of First Refusal". Il-Kunsill qabel

Il-Kunsillier Raymond Tabone ppropona li għandu jkun hemm parkeġġ għal persuni b'diżabilita bla ħlas (jekk il-liġi tippermetti). Is-Sindku pproponiet li jekk possibbli nies ta' l-akkwata bħal Triq Ġulju, Triq Sant'Antnin u l-madwar għandhom jingħataw l-ewwel preferenza li jużaw dan il-parkeġġ.

Il-Kunsill għandu jara hux se jissusidja dawn il-parkeġġi u jekk ikun hemm parkeġġi vakanti għandhomx jingħataw lir-residenti ta' San Pawl il-Baħar. Il-Kunsill għandu jara għal

kemm snin se tinħareġ l-offerta.

Ġie deċiż li din il-mozzjoni hekk kif emendata tingħata lill-avukat tal-Kunsill sabiex jipproċedi għal sett ta' bye-laws. Il-Kunsill approva.

**6.00 Follow-up tal-Laqgħa tal-Lokalita'**

Il-minuti tal-laqgħa tal-lokalita ġew approvati mill-Kunsill hekk kif ippreżentati.

**7.00 Offerti li se Jagħlqu**

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-offerta għall-Manutenzoni tal-Pjazza ta' Burmarrad għalqet u pproponiet li tinħareġ sejħa fejn il-valur għandu jiżdied sa massimu ta' mhux aktar minn 20% ma' dik eżistenti. Ma kienx hemm qbil u ttieħed vot li ġie hekk: Kuntratt ta' Żamma u Manutenzjoni tal-Pjazza ta' Burmarrad

Favur: Sindku Graziella Galea, il-Kunsilliera Peter Abela, Ray Bartolo, Mario Camilleri u Frank Gauci

Kontra: Il-Kunsillier Raymond Tabone

Astensjoni: Il-Kunsillier Alex Bezzina.

Il-proposta għaddiet.

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-offerta għall-Servizz ta' Perit għalqet u pproponiet li tinħareġ sejħa fejn il-valur għandu jiżdied sa massimu ta' mhux aktar minn 20% ma' dak eżistenti. Ma kienx hemm qbil u ttieħed vot li ġie hekk: Kuntratt għal Servizz ta' Perit

Favur: Sindku Graziella Galea, il-Kunsilliera Peter Abela, Ray Bartolo, Mario Camilleri u Frank Gauci

Kontra: Il-Kunsillier Raymond Tabone

Astensjoni: Il-Kunsillier Alex Bezzina.

Il-proposta għaddiet.

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-offerta għall-Ġbir ta' Skart Goff b'Emerġenza għalqet u pproponiet li tinħareġ sejħa fejn il-valur għandu jiżdied sa massimu ta' mhux aktar minn 20% ma' dik eżistenti. Ma kienx hemm qbil u ttieħed vot li ġie hekk: Kuntratt ta' Gbir ta' Skart bil-Goff b'Emerġenza

Favur: Sindku Graziella Galea, il-Kunsilliera Peter Abela, Ray Bartolo, Mario Camilleri u Frank Gauci

Kontra: Il-Kunsillier Raymond Tabone

Astensjoni: Il-Kunsillier Alex Bezzina.

Il-proposta għaddiet.

**8.00 Aġġornamenti**

Kunsillier Mario Camilleri ippropona li

8.01

8.02 niċċekkjaw mal-MEPA f'hiex wasal il-każ ta' l-appell tal-latrina tal-pjazza Latrina tal-Pjazza

8.03 jekk kienx hemm xi applikazzjoni ġdida mal-MEPA għall-iżvilupp tal-Villaġġ tal-Mistra. Villaġġ tal-Mistra

8.04 jissewwa l-bank imkisser ta' ħdejn Johnny's Bar Bank imkisser

| | | |
|---|---|---|
| 8.05 | niċċekkjaw mat-taqsima tax-xogħolijiet meta jistgħu jsiru l-gradi ta' ħdejn is-Simar | Gradi: Simar |
| 8.06 | niġbdu l-attenzjoni tal-pulizija sabiex jitneħħew is-sandwich boards tal-lokal li huma bla permess. Ħa l-okkażjoni sabiex irringrazzja lill-gwardjani lokali tal-intervent tagħhom fuq l-ilment imressaq minnu dwar sanwichboards bla permess ta' Super Tanti Kiosk. | Sandwich Boards |
| 8.07 | Niġbdu l-attenzjoni tal-kuntrattur li fi Triq Santa Marija hemm bozza bil-ħsara | Bozza bil-Ħsara |
| 8.08 | l-offerta għad-dawl b'enerġija solari tinħareġ mill-aktar fis possibbli sabiex jitnaqqas l-inkonvenjent lir-residenti tat-triq fejn il-valur tal-offerta għandha tkun sa massimu ta' €10 000. | Triq Jean de La Cassiere |
| 8.09 | Ippreżenta sett ta' ritratti ta' bankini li għandhom bżonn ta' manutenzjoni u talab li jingħata rapport dwar x'se jsir biex jinġiebu fi stat tajjeb. | Manutenzjoni ta' Bankini |
| * | Il-Kunsillier Raymond Tabone skuża ruħhu u rtira mill-kamra. | |
| | **Kunsillier Ray Bartolo** | |
| | Ippropona li | |
| 8.10 | Jinkrew erba' siġriet għal Burmarrad għal żmien il-festa. Il-Kunsill qabel | Festa Burmarrad |
| 8.11 | Qabel il-festa fl-akkwata jinqata l-haxix | Qtugħ ta' Ħaxix |
| 8.12 | Jitneħħa l-iskart goff mitfuh fi Triq Patri Wistin Magro | Skart Goff |
| 8.13 | il-funtana ta' Burmarrad tinxtegħel bid-dawl | Funtana Burmarrad |
| 8.14 | Tintbagħat reminder lill-ADT dwar il-proposta tal-Kunsill sabiex isiru pelican lights fi Triq Burmarrad | Pelican Lights Burmarrad |
| 8.15 | l-arloġġ taz-zuntier tal-parroċċa jinxtegħel | Dawl : Arloġġ Burmarrad |
| 8.16 | issir barrier fil-main road fejn l-iScotts Supermarket kantuniera ma' Wied Qannotta | Barrier |
| 8.17 | jinxtegħel id-dawl fil-bandli | Dawl fil-bandli Buramrrad |
| 8.18 | Ġibed l-attenzjoni li t-triq li kien jisimha Upper Conversion hija imħarbta. | Manutenzjoni ta' Triq |
| 8.19 | Informa lill-Kunsill li se jissottometti l-applikazzjoni għall-co-financing sabiex jekk jiġu approvati l-proġetti tal-EAFRD, ikunu jistgħu jintużaw għal dan il-għan. | Co-Financing |
| 8.20 | Staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv kif jiġi miżmuma l-attendenza tal-iskrivani. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li permezz ta' attendance sheet.<br><br>Abbażi li ma jkunx hemm min jissorvelja meta s-Segretarju Eżekuttiv ma tkunx il-Kunsill,ippropona li l-Kunsill jiġbor tlett kwotazzjonijiet għal punch clock. Il-Kunsill qabel. | Punch Clock |
| | **Kunsillier Peter Abela** | |
| | Ippropona li | |
| 8.21 | Jinġabru tlett kwotazzjonijiet għall-pjanti li se jitpoġġew matul il-promenade | Pjanti matul il-Pomenade |
| 8.22 | tinbidel il-bankina ta' Triq ix-Xitwa. | Bankina fi Triq ix-Xitwa |
| 8.23 | Tinġibed l-attenzjoni lill-ADT li hemm bżonn li jsir gutter sabiex il-problema ta' ilma ġieri li kontinwament nieżel f'Telgħet ix-Xemxija tiġi solvuta. | Gutter : Telgħet ix-Xemxija |

8.24 isir il-qtugħ tal-ħaxix fil-kampanja. — Qtugħ ta' Ħaxix fil-Kampanja

8.25 jekk il-Kunsill se jiftaħ nhar ta' Sibt għandu jkun hemm il-miżuri kollha ta' saħħa u sigurta'. — Uffiċċju : sigurta'

il-Kunsill approva dawn il-proposti kollha.

**Il-Kunsillier Frank Gauci**

8.26 Irrefera għal-laqgħa preċedenti fejn il-Kunsill approva li jkun hemm link mal-website tal-Partit Laburista (PL). Minkejja li kien favoriha, il-Kunsill kien żgwidat għax instab li diġa kien hemm link eżistenti. Il-Kunsillier Ray Bartolo qal li d-deċċiżjoni għandha taqa'. Il-Kunsilllier Mario Camilleri ġibed l-attenzjoni li l-link qegħda mal-link tal-PL u mhux ma' dik tal-każin tal-lokal. Il-Kunsill qabel li d-deċiżjoni tiġi nulla. — Link mal-website

Il-Kunsillier Peter Abela qal li ħadd mill-partiti politiċi m'għandhu jkollu links mal-website tal-Kunsill.

Ġie deċiż li niċċekkjaw mal-MITA rigward il-protokoll u r-regoli.

Ipprona li

8.27 tintbagħat ittra ta' awguri lill-kandidati kollha eletti għall-Parlament ta' l-Ewropa .Il-Kunsill approva — MEPs

8.28 tintbagħat ittra lill-persuni mil-lokal li pparteċipaw fil-logħob tal-olimpjadi. L-indirizzi għandhom jinkisbu mill-Kunsill Malti ta' l-Isport. Il-Kunsill approva — MOC

8.29 il-Kunsill jipparteċipa fil-Lejla Pawlina u juri s-sapport tiegħu billi jiffinanzja l-mobile toilets u s-sound u palk. Il-Kunsill approva. — Lejla Pawlina

Informa lill-Kunsill li

8.30 saret laqgħa bejn is-Sur Mario Gerada, is-Sindku u l-Kunsillier Frank Gauci dwar proġett edukattiv — Proġett Edukattiv

8.31 Tpoġġa xi konkos fejn is-Sirens u talab li l-Kunsill jiċċekkja min għamlu. — Konkos

8.32 l-iskambju taż-żgħażagħ se ssir Malta. Il-Kunsill applika għal €25 000 u ġew approvati €20 000. Iżda jekk ma jiġux approvati żewġ proġetti oħra applikati minn barra, din id-differenza tingħata. Il-Kunsillier Frank Gauci ppropona li jekk ma jkunx hemm fondi jiġu allokati mill-Kunsill. — Skambju taż-Żgħażagħ

Il-Kunsill ppropona li jekk il-proposta tal-Go tkun legalment tajba nitolbuhom l-isponsor li wegħdu jekk il-Kunsill jaċċetta l-proposta tagħhom ladarba niċċekkjaw hix legalment tajba.

**Il-Kunsillier Alex Bezzina**

8.33 Ippropona li jsir patching quddiem id-Dolmen — *Patching* Dolmen

8.34 Staqsa dwar €1 000 pendenti lill-kumitat tal-festa abbinat mat-trofej. Il-Kunsill ġie nfurmat li kien hemm diskussjoni għaddejja mad-Dipartiment għaliex il-ħlas huwa llegali. Il-kumitat tal-festa se jiġi nfurmat b'dan. — Trofej Festa

8.35 Ġibed l-attenzjoni li hemm dranaġġ ħiereġ minn fejn il-Munch Bunch Bar — Dranaġġ Munch Bunch Bar

**Sindku Graziella Galea**

Ipproponiet li

8.36 l-Kunsill jiffinanzja linja tat-telefown fil-garaxx ta' Burmarrad għaliex meta waqa' l-kuntratt — Linja Telefown Garaxx Burmarrad

tal-gvern il-linja nqagħtet

| | | |
|---|---|---|
| 8.37 | tinxtara uniformi għall-ħaddiema | Ħaddiema Uniformi |
| 8.38 | jinbidlu l-bandli tal-Bandli tal-Veċċ | Bandli tal-Veċċ |
| 8.39 | jsiru s-sinjali ta' l-art fi Triq San Pawl, kif ukoll oħrajn skont il-ħtieġa | Sinjali ta' l-art Triq San Pawl |
| 8.40 | s-siġra tal-Milied li preżentement tinsab ġo qasrija titpoġġa fis-soft area ta' ħdejn iċ-Cherry Tree | Siġra tal-Milied Cherry Tree |
| 8.41 | F'dan l-istadju l-Kunsillier Peter Abela talab li jitneħħa l-iscreen li hemm ħdejn iċ-Cherry Tree Bar<br><br>Il-Kunsill approva | Screen Cherry Tree |
| 8.43 | l-Kunsill itella' Award "Ġieħ San Pawl il-Baħar" fejn fost l-oħrjan għandu jingħata rikonoxximent lill-ex kunsilliera li servew dan il-Kunsill. Għandu jinħatar sotto-kumitat għal dan il-għan. Issekonda dil-proposta l-Kunsillier Frank Gauci. Il-proposta għaddiet Nem Con. | Ġieħ San Pawl il-Baħar |

**9.00** Egħluq tal-Laqgħa

Peress li ma kienx hemm iżjed x'jiġi diskuss, il-laqgħa ntemmet fid-9.50pm. Data u ħin tal-laqgħa li jmiss titħabbar aktar tard.

***Perit Graziella Galea** BE & A (Hons)*
***Sindku***

***Rose Camilleri** DPA*
***Segretarju Eżekuttiv***

15 ta' Gunju 2009

ref: 55/4262/09/ORC